23 ta' Jannar 2025

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta
VLT 1210

Sur Kummissarju,

**Ilment dwar l-Onorevoli Dr Adrian Delia, Membru Parlamentari Partit Nazzjonalista – L-Erbatax-il Leġiżlatura**

Kull Deputat Parlamentari huwa marbut bil-kodiċi tal-etika ghad-Deputati Parlamentari, liema kodiċi tinsab fl-Ewwel Skeda tal-Att Dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap 570.

Fid-dawl ta' dan il-kodiċi tal-etika, ippermettili niġbidlek l-attenzjoni għal rappurtaġġ ta' ONE News dwar numru ta' mistoqsijiet parlamentari li għamel l-Onorevoli Dr Adrian Delia lill-Ministru Miriam Dalli. Dan ir-rappurtaġġ qiegħed jiġi anness bhala *Dokument A*, u jista' jiġi aċċessat minn din il-link:

https://one.com.mt/jinkixef-li-juza-l-pozizzjoni-parlamentari-biex-jaqdi-lil-min-jirrapprezenta-legalment/

Il-mistoqsijiet parlamentari li qegħda ssir referenza għalihom mill-Onorevoli Delia huma dawn li ġejjin:

Mistoqsija Parlamentari 24240, li saret fit-18 ta' Diċembru 2024, u li twieġbet fl-14 ta' Jannar 2025:

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**
Tista' l-Ministru tgħid kemm inħattu containers fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP, matul is-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**Tweġiba:**
Ninsab infurmata li bħalissa hemm appell quddiem il-Public Contracts Review Board fuq tender għal xogħlijiet tal-istess natura bejn l-Enemalta u kumpanija privata, fejn l-Onor. Interpellant huwa wkoll rappreżentant legali tal-istess kumpanija li qed toġġezzjona. Kien ikun

xieraq u etiku li jekk dan hu l-każ, l-Onor. Interpellant jiddikjara dan fid-domanda parlamentari li qed jagħmel f'din l-istituzzjoni.

Filwaqt li l-Enemalta ssegwi l-obbligi tal-pubblikazzjoni skont il-liġi, ninsab infurmata wkoll li dan l-appell mistenni jibda jinstema x-xahar id-dieħel u wieħed għandu jkun kawt li ma jippreġudikax dawn il-proċeduri.

Mistoqsija Parlamentari 24241, li saret fit-18 ta' Diċembru 2024, u li twieġbet fl-14 ta' Jannar 2025:

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**
Tista' l-Ministru tgħid kemm tħallsu flus fornitur b'fornitur, għal containers li nħattu fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP, matul is-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**Tweġiba:**
Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24240.

Mistoqsija Parlamentari 24242, li saret fit-18 ta' Diċembru 2024, u li twieġbet fl-14 ta' Jannar 2025:

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**
Tista' l-Ministru tgħid kemm-il biċċa xogħol mill-containers li nħattu fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP ingħatat:
a) b'tender;
b) bi kwotazzjoni bis-sistema tal-EPPS;
ċ) bi kwotazzjoni bl-idejn (by hand); u
d) b'ordni diretta (direct order) fornitur b'fornitur?

**Tweġiba:**
Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24240.

Dawn il-mistoqsijiet parlamentari u r-risposti tagħhom qegħdin jiġu annessi bhala *Dokument B*, *Dokument Ċ*, *Dokument D* rispettivament u jistgħu jiġu aċċessati minn dawn il-links:

https://pq.gov.mt/pqweb.nsf/5ab326fbcb184092c1256877002c4f19/c1257d2e0046dfa1c1258c12004a493b!OpenDocument

https://pq.gov.mt/pqweb.nsf/5ab326fbcb184092c1256877002c4f19/c1257d2e0046dfa1c1258c12004a630c!OpenDocument

https://pq.gov.mt/pqweb.nsf/5ab326fbcb184092c1256877002c4f19/c1257d2e0046dfa1c1258c12004a7370!OpenDocument

Kif tista' tapprezza dawn huma mistoqsijiet speċifiċi ħafna. Meta wieħed jinnota t-tweġibiet mogħtija tinduna li fil-waqt li l-ewwel mistoqsija twieġbet, it-tnejn l-oħra ġew riferuti għall-ewwel tweġiba. Għalhekk wieħed jifhem li huma kollha relatati u għandhom jitqiesu flimkien.

Mir-risposta li ngħatat mill-Onorevoli Ministru Dr Miriam Dalli jirriżulta illi d-Deputat Nazzjonalista l-Onorevoli Dr Adrian Delia huwa rappreżentant legali ta' kumpanija li qegħda toġġezzjona fuq tender għal xogħlijiet bejn l-Enemalta u kumpanija privata quddiem il-Public Contracts Review Board. Punt li sal-ġurnata tal-lum l-Onorevoli Delia għadu ma ċaħadx.

Dan ifisser li b'mod sfaċċat l-Onorevoli Delia qiegħed juża l-pożizzjoni Parlamentari tiegħu b'konflitt ta' interess qawwi personali, li allura jfisser li dan id-Deputat mhux qiegħed iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati. Dan ifisser li qiegħed jikser l-ewwel klawsola tal-kodiċi tal-Etika, li qegħda tkun riprodotta hawn taħt:

*1. Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.*

Dan fl-istess waqt li fil-professjoni tiegħu huwa qiegħed jagħmel referenza, anzi jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu bħala Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, sabiex jipprova jieħu vantaġġ mhux xieraq. Dan ifisser li qiegħed jikser is-sitt klawsola tal-kodiċi tal-Etika, li qegħda tkun riprodotta hawn taħt:

*6. Fil-waqt ta' xogħol professjonali, okkupazzjonali jew kummerċjali ma għandha ssir ebda referenza għal sħubija bħala membru tal-Kamra tad-Deputati li b'xi mod tista' tagħti lil xi membru vantaġġ mhux xieraq.*

Possibilment jaf ikun hemm klawsoli oħra li jkunu nkisru wkoll. U għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, qiegħed inressaq dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek. Ġentilment nitolbok tinvestiga dan kollu li ġie elenkat, tasal għall-konklużjonijiet tiegħek u possibilment anke tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ.

**Clayton Bartolo**
**Membru Parlamentari**




LOKALI

# JINKIXEF LI JUŻA L-POŻIZZJONI PARLAMENTARI BIEX JAQDI LIL MIN JIRRA LEGALMENT

minn Josef Caruana | 16 ta' Jannar 2025






AKTAR ARTIK

Id-Deputat Nazzjonalista Adrian Delia b'mod sfaċċat qed juża l-pożizzjoni Parlamentari tiegħu b'konflitt ta' interess qawwi personali.

L-aħħar darba li għamel dan kien din il-ġimgħa fil-Parlament meta staqsa fuq kumpanija privata li hu l-avukat tagħha u li qed toġġezzjona dwar kuntratt mill-Enemalta.

It-tweġiba tal-Ministru Miriam Dalli kienet f'waqtha u esponiet il-konflitt ta' interess li għandu l-eks Kap Nazzjonalista.

It-tweġiba tal-Ministru Dalli kienet li hemm appell quddiem il-Bord għar-Reviżjoni ta' Kuntratti Pubbliċi dwar tender għal xogħlijiet tal-istess natura bejn l-Enemalta u kumpanija privata, li l-istess Delia hu proprju r-rappreżentant legali tagħha.

"Kien ikun xieraq u etiku li jekk dan hu l-każ, Delia jiddikjara dan fid-domanda parlamentari li qed jagħmel", irrimarkat il-Ministru Dalli li spjegat ukoll kif l-Enemalta ssegwi l-obbligi tal-pubblikazzjoni skont il-liġi u li l-appell inkwistjoni mistenni jibda jinstema' x-xahar id-dieħel.

Saħqet li quddiem l-aġir ta' Adrian Delia, wieħed għandu jkun kawt biex ma jippreġudikax dawn il-proċeduri.

Din mhux l-ewwel darba li Delia jilbes żewġt ikpiepel u juża l-pożizzjoni Parlamentari tiegħu b'konflitt ta' interess f'diversi każi.

Fost l-oħrajn, attakka x-xiri tal-impjant tal-waste-to-energy mill-WasteServ għal sitt mitt miljun ewro, fl-istess waqt li kien ir-rappreżentant ta' konsorzju li tefa' offerta li tiswa lill-pajjiż mal-mitejn miljun iżjed.

Minbarra hekk hu kien anke l-avukat ta' Skanska, li gawdiet minn waiver fuq il-konkos difettuż tal-Isptar Mater Dei u m'għamlitx tajjeb għax-xogħol ħażin li wettqet fl-istrutturi.

B'konsegwenza ta' dan, il-pajjiż spiċċa jeħel aktar spejjeż biex saru xogħlijiet infrastrutturali sodi fl-isptar li wkoll kien dam iżżejjed biex jinbena fi żmien Gvern Nazzjonalista.






Facebook WhatsApp Twitter LinkedIn Copy Link



JOSEF CARUANA




STAY CONNECTED ON SubScribed

I Was Overweight Until I Started Wearing These Insoles

consumer-insider.net | Sponsored

Dok. B

PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
24240
**Data:**
18/12/2024
**Seduta:**
298 - 14/01/2025 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Containers fl-Enemalta

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**

Tista' l-Ministru tgħid kemm inħattu containers fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP, matul is-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**Tweġiba:**

Ninsab infurmata li bħalissa hemm appell quddiem il-Public Contracts Review Board fuq tender għal xogħlijiet tal-istess natura bejn l-Enemalta u kumpanija privata, fejn l-Onor. Interpellant huwa wkoll rappreżentant legali tal-istess kumpanija li qed toġġezzjona. Kien ikun xieraq u etiku li jekk dan hu l-każ, l-Onor. Interpellant jiddikjara dan fid-domanda parlamentari li qed jagħmel f'din l-istituzzjoni.
Filwaqt li l-Enemalta ssegwi l-obbligi tal-pubblikazzjoni skont il-liġi, ninsab infurmata wkoll li dan l-appell mistenni jibda jinstema x-xahar id-dieħel u wieħed għandu jkun kawt li ma jippreġudikax dawn il-proċeduri.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 14/1/2025 04:39:04 PM - PQ ID 02DF4E94ECE0E4A9C1258BF70029650E

Dok. C

PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
24241
**Data:**
18/12/2024
**Seduta:**
298 - 14/01/2025 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Containers fl-Enemalta

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**

Tista' l-Ministru tgħid kemm tħallsu flus fornitur b'fornitur, għal containers li nħattu fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP, matul is-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**Tweġiba:**

Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24240.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 14/1/2025 04:39:04 PM - PQ ID A4057C4389772930C1258BF70029707E

Dok. D

PARLAMENT TA' MALTA

**House of Representatives - Parliamentary Questions Website**

**Leġiżlatura**
XIV
**Kategorija**
ORAL
**Mistoqsija Numru:**
24242
**Data:**
18/12/2024
**Seduta:**
298 - 14/01/2025 04:00 PM
**Seduta *Interim*:**
-
**Titlu:**
Containers fl-Enemalta

**L-Onorevoli ADRIAN DELIA staqsa lill-Onorevoli MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika):**

Tista' l-Ministru tgħid kemm-il biċċa xogħol mill-containers li nħattu fl-Enemalta plc ta' tenders li nxtraw taħt is-sistema tad-DDP ingħatat:

a) b'tender;

b) bi kwotazzjoni bis-sistema tal-EPPS;

ċ) bi kwotazzjoni bl-idejn (by hand); u

d) b'ordni diretta (direct order) fornitur b'fornitur?

**Tweġiba:**

Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 24240.

**Dokumenti annessi mal-mistoqsija:**

**Dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra:**

**Dokumenti annessi mar-risposta:**

L-aħħar bidla: 14/1/2025 04:39:05 PM - PQ ID 3D30BB93D9B09EFAC1258BF7002979C8